**Amore mio**

Dil-frazi ktibt lil żewġek
Hekk kif ħalla did-dinja,
U mar jistrieħ ghand Alla
'Il bogħod minn kull tbatija.

Niftakarni mmur narah
U niltaqa' ftit miegħu,
Ma qallix wisq biss is-skiet
Hekk mimli bis-sliem tiegħu.

Lili o kemm kellimni
Tani par gwienaħ ħa ntir,
Għax ghallimni li l-ħajja
M'Alla faraġ mhux tkissir.

Tani x'nifhem li l-bniedem
B'hekk biss jimxi 'il quddiem,
Meta jftittex fis-sewwa
Dak li jġiblu bosta sliem.

Hekk ġablek f'ħajtek mara
Dar-raġel li int ħabbejt,
Għandek raġun li tibkih
Miegħu fl-imħabba stagħnejt.

Mhux fil-flus jew f'dik l-għana
Li jisolħu wisq lir-ruħ,
Imma fis-sentimenti
Li jtaffu 'il qalb mill-ġuħ.

Ħallieh jistrieħ o oħti
Għidlu wkoll dik l-Addio,
U f'kull ħin tgħożżu f'qalbek
Lilu, l'amore mio.

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta' Dicembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.